MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2011

Numru 134/2011

Il-Pulizija
(Spettur Fabian Fleri)

vs

Simone Gatt
Thomas Schembri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta' karta ta' identita'numru 376169M u 254675M rispettivament, akkuzati b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. fil-11 ta' Dicembru 2010 u fil-granet u ix-xhur ta' qabel din id-data minn gewwa ic-Chain Supermarket li jinsab gewwa Triq l-Inhasa, Zabbar ikkommettew serq ta' diversi oggetti ta' make up, helu u prodotti ohra liema serq

huwa aggravat bil-valur li jeccedi il-232.94 Euro izda ma jeccedix l-2329.40 Euro u bil-persuna ghad-dannu ta' Pierre Mallia u/jew il-propjetarji tal-imsemmi hanut.

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentament xtraw jew laqghu ghandhom oggetti misruqa li l-valur taghhom ma jaccedix il-2329.4 Euro (LM1000), mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkun indhaltu biex ibieghhom jew imexxuhom.

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuza fl-liema ammissjoni insistew anke wara li l-Qorti tathom zmien jirrikonsidraw.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Mill-istqarrija rispettiva tal-imputati jirrizulta s-serq kommess mill-imputati fic-'Chain Supermarket' ta' Haz-Zabbar. Hemm spjegat fl-istqarrijiet il-kif kien isir is-serq. Intant, l-ammissjoni taghhom hija volontarja u inkondizjonata li abbinata mal-istqarrija ta' kull wiehed u wahda minnhom ma jhallu ebda lok ta' dubbju dwar ir-reita' taghhom.

Rat l-Artikolu 261(c), u 279 tal-Kap 9.

Issibhom hatja ta' l-ewwel akkuza. Tiddikjara t-tieni akkuza alternattiva ghall-ewwel wahda. Tichad fir-rigward tal-kundanna ghall-ispejjez billi ebda spejjez ma gew inkorsi. Tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sentejn mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputati r-responsabbilitajiet taghhom skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------